**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 46 – IT-ĦAMIS 12 TA' MEJJU 2022**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**46.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

46.1.1 Ma kienx hemm.

**46.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

46.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (45) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

46.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

**46.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL**

46.3.1 Ma kienx hemm.

Is-Sindku Dott. Sciberras talab sospensjoni tar-regolamenti biex jiġu diskussi l-items nru. 46.9 'Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report Jan – Mar 2022' u item nru. 46.10 'Preċentazzjoni tal-Condition Report dwar is-sede tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill' peress li ġew mistiedna l-Accountant u l-Perit tal-Kunsill. *Nem con*.

**46.4 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN – MAR 2022**

46.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta r-rapport finanzjarju għall-ewwel tliet xhur tas-sena bejn Jannar u Marzu 2022.

46.4.2 L-Accountant tal-Kunsill ta spjegazzjoni tar-rapport fid-dettal fejn ġie moqri u spjegat l-istatement of income and expenditure, l-istatement of Financial Position, il-Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Property, Plant & Equipment.

Fl-ewwel tliet xhur tas-sena l-ġdida, l-allokazzjoni finanzjarja li għadda l-Gvern Ċentrali kienet ta' Eur77,206. Id-dħul għal dan l-ewwel tliet xhur tas-sena kien ta' Eur87,205. Il-ħruġ jew aħjar l-ispejjeż għall-istess perjodu kien ta' Eur89,537. Id-deprezzament fuq l-assi kien ta' Eur9,597 u dan qed jinħadem skont l-Accounting policy eżistenti. Minbarra *subvention* li jgħaddi l-Gvern, il-Kunsill kellu dħul ieħor mill-ħruġ tal-permessi li kien jammonta għal Eur4,081, u Eur5,112 mingħand il-WasteServ għall-borża organika. Dħul ieħor ta' Eur812 mis-sistema tal-infurzar tal-liġi.

Is-salarji tal-impjegati għall-ewwel tliet xhur tas-sena kienu jammontaw għal Eur31,370 filwaqt li l-Operations & Maintenance, l-ispiża laħqet Eur38,602. L-ispejjeż amministrattivi telgħu għal Eur9,968.

Nota importanti dwar il-*Personal Emoluments*, fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena, is-Segretarju Eżekuttiv kellu jieħu l-arretrati għas-sena 2020 u 2021. Dawn l-arretrati ġew maħduma skont tabella ppreżentata mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għas-snin indikati hawn fuq deskritta 'The Executive Secretaries' remuneration package arrears li kienu jlaħħqu għal Eur8,476.

Il-financial performance għal dan il-perjodu li kien ikopri bejn Jannar u l-aħħar ta' Marzu jirriżulta f'defiċit ta' Eur (2,332).

Fl-aħħarnett, l-Accountant informa li lejn l-aħħar ta' Marzu, kienet daħlet it-tieni *subvention* min-naħa tal-Gvern u qed tidher fl-Accounts fi Detailed Statement of Financial Position f'line item 4150 bħala parti mill-ammont li jidher taħt *Deferred Income*.

Il-Financial Situation Indicator huwa ta' 57% għal dan il-perjodu.

46.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm kjarifiċi xi jsiru jew mistoqsijiet.

46.4.4 Ma kienx hemm.

46.4.5 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-Quarterly Financial Report għal dan l-ewwel kwart ta' din is-sena.

46.4.6 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

46.4.7 Imbagħad is-Sindku staqsa dwar il-laqgħa li saret bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill mal-Compliance tad-Diviżjoni dwar il-Financial Statement għas-sena 2021 peress li Kunsilli li jispiċċaw s-sena finanzjarja b'defiċit jiġu kkunsidrati bħala *defaulters* għall-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

46.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega b'mod espliċitu li l-Kunsill spiċċa s-sena finanzjarja 2021 b'deficit ta' Eur8k. Kompla billi qal li meta wieħed iħares lejn il-Profit & Loss, fih jidħol id-deprezzament li kien ilaħħaq għal Eur38K. Dak kien il-fattur prinċipali għal dan id-defiċit. Però kien enfassizat il-punt li hemm differenza bejn defiċit fil-profit & loss għal defiċit li jkun rifless fil-*working capital*. Dan kien spjegat lill-Compliance Unit tad-Dipartiment però min-naħa tagħhom talbu lill-Kunsill

x'miżuri jistgħu jittieħdu biex titjib il-qagħda finanzjarja fis-snin futuri u biex l-istqarrijiet finanzjari ma jurux defiċit.

Min-naħa tal-Compliance Unit, għamlu xi rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill biex nintroduċu bye-laws li minnhom jidħol introjtu għall-Kunsill. Suġġeriment ieħor li qed tagħmel il-Compliance Unit huwa li l-Kunsill jikri l-*premises* tiegħu biex jiżdied l-introjtu jew il-kiri ta' kiosks fil-ġonna.

46.4.9 L-Accountant tal-Kunsill informa li kien ressaq suġġeriment lill-Compliance Unit biex jikkunsidraw jintroduċu l-EBITA (Earnings before Interest and Depreciation) billi tiżdied nota fl-Accounts biex ikun spjegat aħjar l-Accounts. Tkellem fuq l-assi fejn spjega li ċertu assi huma 100% Replacement basis għaldaqstant wassal dan is-suġġeriment lill-Compliance Unit biex jirrevedu l-Accounting policies. Żied jgħid li jew jiżdied l-income jew jonqsu l-ispejjeż li fis-sitwazzjoni preżenti qed naraw awment fil-prezzijiet tax-xiri ta' oġġetti u servizzi. Ikkonkluda li permezz ta' bye-laws tista tkun soluzzjoni għal *additional income*.

46.4.10 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda fuq dan is-suġġett fejn qal li l-Accounts jirriflettu li l-Kunsill qed jaħdem sal-massimu, fl-istess waqt hemm prova ċara fejn l-allokazzjoni finanzjarja trid tiġi riveduta anke fid-dawl tal-awment fil-prezzijiet matul dan l-ewwel kwart tas-sena.

## 46.5 PREŻENTAZZJONI TA' *CONDITION REPORT* DWAR IS-SEDE TAL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL

46.5.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien ikkummissjona lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara Condition Report dwar l-istat tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill peress li kien daħal ilment minn terzi dwar proprjetà sottostanti minħabba l-fatt li l-bieb tal-garage mhux qed jinfetaħ b'mod normali.

46.5.2 Il-Perit tal-Kunsill xtaq jiddeskrivi l-kontenut tar-rapport u jispjega s-sejbiet. Il-Perit spjega li kienet saret spezzjoni u ttieħdu xi ritratti fejn anke kien innutat xquq mad-dawra tal-bieb tal-garage. Kien ukoll innutat veġitazzjoni li bdiet tesporġi minn taħt il-madum bejn il-*landing* tal-Kunsill u l-istess saqaf tal-konkos. Fuq dan il-punt, kien ta parir biex isir intervent billi tneħħa xi madum

tal-art fil-*landing* tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill biex ikun eliminat l-egħruq.

Sar ukoll test bażiku fejn intefa l-kulur biex naraw jekk il-kulur jippenetrax'l isfel. Meta sar dan l-intervent, kien evidenti li l-għeruq ma kienx qed jikkawża ħsara lis-saqaf u ma rriżulta l-ebda xquq u l-ebda ingress ta' ilma. Il-Perit kompla billi qal li ma kienx hemm evidenza ta' ingress ta' ilma u għaldaqstant ma jarax li l-ingress tal-ilma ikkawża l-ħsara li qed isemmi terzi.

Il-Perit irrimarka wkoll dwar xquq evidenti fil-mosaic tat-taraġ. Meta sar l-imsemmi test ma wera li m'hemmx problemi strutturali. L-ilma bil-kulur ma ppenetrax 'l isfel u dan huwa ta' serħan il-moħħ. Rigward ix-xquq fil-mosaic jista jkun ikkawżat minn *improper placing*, u anke moviment tal-istruttura. Kompla billi qal li taħt it-taraġ m'hemm l-ebda evidenza ta' *spalling* u għalhekk ikompli jsaħħaħ l-argument tiegħu li m'hemmx problemi strutturali.

Fl-opinjoni tal-Perit, il-ħsara fil-bieb tal-*garage* mhiex ħsara li qed jiġġenera l-Kunsill. Il-Perit jinnota li l-ħsarat fil-bieb tal-garage jistgħu ikunu ġejjin minn fatturi oħra fosthom *improper sealing* u allura ċ-ċappetti u materjal ieħor tal-ħadid jissaddu, jespandu u b'riżultat ta 'dan taqsam il-kantun għaliex ikunu espandew il-*fittings*. Il-Perit żied jgħid li x-xquq qed tagħfas fuq il-frame tal-bieb tal-garage u din tista tkun ir-raġuni għaliex il-bieb mhux jinfetaħ. Il-mistoqsija tibqa jekk għandux jinbidel il-frame tal-garage jew il-bieb.

46.5.3 Is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li jekk allura m'hemmx prova li l-ħsara ġiet ikkawżata mill-Kunsill, m'għandux għalfejn il-Kunsill jidħol għall-ispejjeż. Staqsa wkoll jekk sid il-garage kienx kellimna bl-avukat.

46.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sid il-garage ġie numru ta' drabi biex iressaq l-ilment tiegħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill dwar il-fatt li l-bieb tal-garage ma jistax jinfetaħ.

46.5.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk jistax isir xi forma ta' X-ray biex naslu għall-konklużjoni.

46.5.6 Il-Perit tal-Kunsill wieġeb li jsiru infrared reports però normalment jintuża f'każijiet ta' ingress ta' ilmijiet. Is-sitwazzjoni hi kemmxejn differenti.

46.5.7 Il-Kunsillier Emanuel Zammit qal li f'dan l-istadju jkun tajjeb li nibdew nitkellmu biex naraw x'tip ta' *issues* hemm biex il-Kunsill jippreveni li nidħlu f'xi kawża li tiswa lill-Kunsill spejjeż legali meta nistgħu naslu f'arranġament.

46.5.8 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa lill-Perit jekk kienx jaf x'hemm spejjeż involuti għax jekk l-ispiża tkun waħda baxxa, ikun jaqbel li l-Kunsill jidħol f'arranġament mingħajr preġudizzju u fejn mingħajr ma l-Kunsill jassumi l-ebda responsabbiltà sakemm ma jkunx determinat (deciding factor) tal-kawża primarja naslu fi ftehim u l-Kunsill ikun jista jħallas kwart mill-ispiża. L-opzjonijiet huma tnejn jew li tinfetaħ kawża l-Qorti jew *out-of-court settlement*. Is-Sindku ipprovda servizz ta' perizja u għandu konsulenza li m'għandux tort imma xorta l-Kunsill qed jipprova jgħin biex tinstab soluzzjoni. Żied jgħid li t-taraġ biex titla għall-pjan tal-Kunsill jappartjeni wkoll lil maisonette adjaċenti. Kompla billi qal li din għandha tiġi ndirizzata minnufih għax qed teħdilna ħafna żmien u se nibqgħu nduru magħha. Jifhem bil-preokkupazzjoni tas-sid ta' terzi għax qed jiffaċċja diffikultà u jrid jassigura li m'hemmx periklu strutturali.

46.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-Perit jekk fil-preżent jeżistix element ta' periklu li jista jipperikola l-ħajja tal-impjegati tal-Kunsill.

46.5.10 Il-Perit wieġeb li ma kienx qed jara ħsarat maġġuri. Żied jgħid li kieku hemm xi forma ta' periklu, diġa ordna li jsiru *jacks* bħala sapport sakemm isiru t-tiswijiet neċessarji.

46.5.11 Wara diskussjoni, kien deċiż li ssir laqgħa fl-immedjat ma' sid il-garage fil-preżenza tas-Sindku, il-Perit tal-Kunsill u

rappreżentanti oħra tal-Kunsill biex nibdew niddiskutu bir-rieda tajba li naslu fi ftehim.

**(Ara dok. F)**

**46.6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

46.6.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu kummenti pożittivi dwar l-attività soċjali għal Jum l-Omm. L-attendenza kienet tajba ħafna u s-servizz kien eċċellenti. Sodisfatt li r-residenti ikkonkorrew għall-ewwel attività wara l-pandemija. Ikkonkluda li l-outcome minn din l-attività tagħtu stimulu u nkoraġġiment biex il-Kunsill jorganizza attività soċjali oħra f'Ġunju li ġej għall-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Semma li kienu qed jinġiebu kwotazzjonijiet biex tiġi ffissata data, venue u l-prezz. B'dan il-mod, il-Kunsill ikun qed iżomm kuntatt mall-komunità tal-Iklin li tant hi meħtieġa anke wara n-nuqqas ta 'sentejn milli jsiru dawn il-ħarġiet soċjali, kulturali u dawk edukattivi. Kompla billi qal li fil-jiem li ġejjin se nkunu qed niffinalizzaw il-programm tal-attività biex nvaraw il-pubbliċità. Id-data ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju. Trasport ikun provdut mill-Kunsill. *Nem con*.

46.6.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kellu laqgħa kordjali mall-President ta' Lions Club – St. Paul's Bay fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fejn saret preżentazzjoni ta' kotba tal-mużika minn kompożituri Maltin lill-Kunsill.

46.6.3 Is-Sindku Dott. Sciberras qed jipproponi li ssir presentation night biex il-proġett li għadu kif ġie konkluż mill-Università ta' Malta mill-Fakultà for Social Wellbeing jiġi ppreżentat lil dawk l-i*stakeholders* li ħadu sehem fl-istħarriġ inkluż il-Wisq Reverend Kappillan, il-Community Policing, u l-għaqdiet tal-lokal. Tkun okkażjoni f'waqtha li l-Kunsill jistieden lill-Onor. Ministru MHAL u l-Onor. Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, id-Dekan tal-Università, u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Kunsilli Lokali.

Preferibilment, il-preżentazzjoni ssir f'post spazzjuz fl-Iklin. Jekk ikun sar avvanz fuq l-inizjattiva 'Caring for the Community' – Message in a Bottle, issir ukoll it-tnedija ta' din l-inizjattiva tal-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' Lions Club – St. Paul's Bay. *Nem con*.

46.6.4 Is-Sindku Dott. Sciberras tkellem dwar *notice of termination* tal-kumpannija ELC Ltd li kienet tieħu ħsieb iż-żamma tal-parki u ġonna inkluż *soft areas* fil-lokalità tal-Iklin. Is-Sindku informa li t-talba li għamel il-Kunsill bil-possibiltà li ninnegozjaw estensjoni tal-ftehim ma rnexxiex u f'dan il-punt, il-Kunsill ried jaħseb f'soluzzjoni mmedjata biex nieħdu ħsieb iż-żamma ta' *soft areas* li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.

Sintendi din kienet telfa kbira għall-Kunsill għaliex il-livell tas-servizz fil-lokalità kien wieħed eċċellenti u bi prezz redikolu ta' Eur99.58 kull xhar. Minħabba din l-urġenza, il-Kunsill ħaseb sabiex jikkummissjona lill-Perit tal-Kunsill biex jikkwantifika u jirreġistra l-qatgħat kollha tal-ħamrija u l-ispeċi eżistenti biex jittieħed *stock of the situation*. Dan l-eżerċizzju tlesta fil-ħin biex il-Kunsill seta jottjeni kwotazzjonijiet għas-servizz ta' ġardinar u biex jieħu ħsieb iż-żamma tal-parki u ġonna. Ma' dan, inġiebu wkoll kwotazzjonijiet għal servizz ta' water transport minħabba t-tisqija. *Nem con*.

46.6.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-preparamenti għall-attività annwali 'Festa Fjuri – Infiorata' 2022 kienu fl-aqwa tagħhom. L-Uffiċċju Amministrattiv kien għaddej bl-aħħar sforzi biex kollox imur tajjeb għall-edizzjoni ta' din is-sena. Is-Sindku informa li kellu jsir risk assessment tal-attività u bdiet ukoll il-pubbliċita permezz tal-midja soċjali. Fil-jiem li ġejjin se tkun qed titqassam flyer lir-residenti kollha tal-Iklin fejn se jkun hemm il-messaġġ tas-Sindku dwar l-infiorata ta 'din is-sena. Is-Sindku informa wkoll li kienet se ssir pjattaforma elevata għal dawk li jiġu jżuru l-infiorata biex jitgawda aħjar id-disinn li ġie ppreparat. Informa wkoll li kien qed isir monitoraġġ tax-xitel ikkurat b'mod professjonali fin-nursery tal-kumpannija ELC Ltd.

Is-Sindku ikkonkluda l-komunikazzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett billi stieden lill-Kunsillieri biex ixerrdu l-kelma biex ir-residenti u l-pubbliku inġenerali jiġu jżuru l-infiorata fil-ġranet li ser tkun esibita bejn it-18 u t-22 ta' Mejju.

46.6.6 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar l-istallazzjoni ta' *electric charging pillars* fil-lokalità tal-Iklin. Is-Sindku fakkar li xhur ilu l-Kunsill kien identifika numru ta' siti madwar L-Iklin biex ladarba l-Ministeru konċernat jiġi biex jimplimenta u jistalla l-imsemmija *charging pillars*, ikollu l-*groundwork* lest. Informa li l-Kunsill kien irċieva komunikat mill-Ministeru tal-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli li minħabba diffikultajiet tekniċi, kellhom jirrilokaw ic-*charging pillars* mis-siti proposti minħabba s-servizzi eżistenti taħt wiċċ it-triq. Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill għandu jħalli x-xogħol f'idejn l-esperti dment li l-implimentazzjoni ssir għall-ġid komuni tal-komunità.

46.6.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-proġett fi Sqaq in-Namur kien tlesta mill-Kuntrattur appuntat mill-Kunsill u x-xogħol ġie ċċertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

46.6.8 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wieħed mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill Lokali L-Iklin wasal għaż-żmien tal-irtirar f'Lulju li ġej. Is-Sur Muscat se jkun ta servizz ta' kważi tmien snin neqsin u għaldaqstant ikun jixraq li jingħata rigal mill-Kunsill tal-*farewell*. Is-Sindku ippropona li tinxtara statwetta sabiħa tal-Madonna bħala turija ta' apprezzament għas-servizz tiegħu lejn il-Kunsill Lokali L-Iklin. *Nem con*.

## 46.7 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

46.7.1 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar is-servizz ta' ġardinar jekk kienx il-każ li ssir sejħa għall-akkwist pubbliku.

46.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-regoli li japplikaw għal offerti fejn meta l-istima tal-valur ma tkunx iżjed minn Eur5k + VAT, il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati mill-Kunsill nnifsu wara li jkun kiseb tliet kwotazzjonijiet mis-suq liberu, wara li jqis x'ikun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet tal-għażla u d-disponibbiltà.

Meta l-istima tal-valur tkun teċċedi ħamest elef euro (5,000.) iżda ma tkunx iżjed minn għaxart elef euro (10,000.), il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern.

Meta l-valur stmat hu jew jeċċedi għaxart elef euro (10,000.), iżda ma jeċċedix il-limitu stabbilit taħt ir-regolamenti 9(1)(a), il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati wara sejħa għall-offerti.

46.7.3 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ikkonkluda li ladarba l-istima ma teċċedix il-ħamest elef, il-Kunsill Lokali jista jmur għal *direct order*.

46.7.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa jekk hux il-mument opportun li issa li ser jinbidel il-kuntrattur tal-parki, ġonna u soft areas nistednux lis-Sur Alfred Baldacchino li huwa espert fis-settur sabiex jassisti lill-Kunsill fit-tħawwil ta 'xitel u siġar indiġeni.

46.7.5 Is-Sindku Dorian Sciberras issekonda l-proposta tal-Kunsillier Catania dwar dan il-ħsieb għaliex kif qal tajjeb il-Kunsillier Catania, jistgħu jiġu mxettla siġar u xitel bi prezz ħafna inqas minn dak li nsibu fis-suq filwaqt li nitgħallmu napprezzaw il-ġmiel tan-natura għaliex il-fjuri tal-ħaxix selvaġġ li ħafna minnhom jiffjorixxu fl-istaġun tar-rebbiegħa jservu wkoll bħala sors.

46.7.6 Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sur Baldacchino biex jassisti lill-Kunsill fil-parki, ġonna u soft areas li nsibu fl-Iklin. Tkun ukoll ħaġa mill-isbaħ li bħala parti mit-titjib li se jkun qed isir fil-playground fil-ġimgħat li ġejjin, nitolbu l-assistenza professjonali tas-Sur Baldacchino biex naraw x'ikun adatt li jitħawwel ġdid fl-istrippa fejn illum hemm l-ispeċi 'pittosporum'.

## 46.8 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

46.8.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-11 ta' April u d-9 ta' Mejju 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (11 April - 9 May 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 52 | 12/04/2022 | Is-sid tal-banka tal-lottu qed titlob biex jitħawwlu siġar quddiemha peress li kienu tqaċċtu u baqa' l-vojt tagħhom. Kienet issibhom sew għax kienu jżommu d-dell. | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 53 | 21/04/2022 | Problema ta' traffiku fi Triq San Mikiel minħabba l-carwash. | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 54 | 21/04/2022 | Ħmieġ mal-bankina fi Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **CONTRACTOR** |
| 55 | 21/04/2022 | Madum imkisser f'nofs ta' triq | settled | Triq C Busuttil | **COUNCIL** |
| 56 | 26/04/2022 | L-ispralli ta' Triq il-Wied reġgħu qed iħabbtu | pending | Triq il-Wied | **TM** |
| 57 | 27/04/2022 | Tkissret traffic mirror fi Triq ir-Razzett l-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 58 | 27/04/2022 | Triq il-Ħarruba ilha ma tinkines | pending | Triq il-Ħarruba | **CONTRACTOR** |
| 59 | 27/04/2022 | Talba biex titnaddaf mill-ħaxix Triq in-Namur | settled | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 60 | 27/04/2022 | Doggy bin fi Triq K Vassallo mimli u ieħor fi Triq A M Caruana bla borza | settled | Triq K Vassallo | **CONTRACTOR** |
| 61 | 27/04/2022 | Ilmenti dwar nuqqas ta' ġbir ta' skart fi Triq G Curmi u Triq il-Prinjol | settled | various | **CONTRACTOR** |
| 62 | 27/04/2022 | Talba biex isiru xi tabelli fejn il-ġnien ta' Triq P M Vella, għax qegħdin iħallu skart f'kantuniera. | pending | Triq P M Vella | **COUNCIL** |
| 63 | 29/04/2022 | Patching Triq AM Galea u Għargħur | settled | various | **COUNCIL** |
| 64 | 29/04/2022 | Talba biex tinżabar siġra fejn il-Madonna | pending | Wesgħat JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 65 | 29/04/2022 | Refreshing of lines 6, Triq G Calleja | pending | Triq G Calleja | **COUNCIL** |
| 66 | 29/04/2022 | 2 stop signs in Triq il-Muzika | settled | Triq il-Muzika | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 67 | 02/05/2022 | Qed isir ħafna serq fl-inħawi ta' Triq Karmenu Vassallo. Biex navżaw lill-pulizija | pending | Triq Karmenu Vassallo | **POLICE** |
| 68 | 03/05/2022 | Madum ta' bankina sfrundat fi Triq G Curmi | pending | Triq G Curmi | **COUNCIL** |
| 69 | 06/05/2022 | Cable imdendel tal-GO fi Triq Mons P.P. Saydon, l-Iklin, f'daħla ta' garaxxijiet maġemb id-dar nru 7, Notre Dame De Lourdes | pending | Triq Mons P.P. Saydon | **GO** |
| 70 | 09/05/2022 | Refreshing of lines, Triq G Galea | settled | Triq G Galea | **COUNCIL** |

## 46.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI.

46.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

46.9.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

46.9.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

46.9.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' water transport għat-tisqija tal-parki, ġonna u *soft areas* fil-lokalità mingħand il-fornitur Joseph Schembri għall-prezz ta' Eur118.00 għal kull vjaġġ VAT inkluż; *Nem con*.
2. Kwotazzjoni għal servizz ta' ġardinar mingħand il-fornitur Anthony Cortis għall-prezz ta' Eur481.83c kull xhar VAT inkluż. *Nem con*.
3. Kwotazzjoni għax-xiri ta' wheel chair swing u xogħlijiet anċillari mingħand il-fornitur Play Safety Malta Ltd għall-prezz ta' Eur5897.64c; *Nem con*.

4. Kwotazzjoni għax-xiri ta' play structure Mini 2 mingħand il-fornitur Med Projects għall-prezz ta' Eur5888.20c VAT inkluż; *Nem con*.
5. Kwotazzjoni għax-xiri ta' rubber tiles u xogħlijiet anċillari mingħand il-fornitur Medtek għall-prezz ta' Eur5845.72c VAT inkluż; *Nem con*.

## 46.10 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

46.10.1 Applikazzjoni PA 2759/22 – Hyacinth, Triq Ċensu Bugeja c/w Triq Lewis F. Mizzi 'Internal and external alterations to the existing dwelling including demolition of washroom. 2. Division of the existing first floor apartment into 2 separate units. 3. Construction of (4) overlying units and (1) receded penthouse.

46.10.2 Applikazzjoni PA 02345/22 – Belvedere, Triq Erin Serracino Inglott c/w Triq Pawlu Grech 'To sanction from approved permit PB6132/81 and proposed structure at second floor level.

46.10.3 Applikazzjoni PA 02456/22 – Karmenu Vassallo c/w Trejqet il-Poeti, Iklin 'To extend back terrace at ground floor level.

46.10.4 Applikazzjoni PA 02412/22 – Aurora Triq il-Wied 'To construct water reservoir.

46.10.5 Applikazzjoni PA 00916/22 – Greystanes, Triq Karmenu Vassallo, Iklin 'To demolish first floor level and construct apartment at first, second, third and receded floor level respectively (4 units in total) and installation of passenger lift.

46.10.6 Applikazzjoni PA 02601/22 – Annunzjata Court, Flat 2, Pjazza Ninu Cremona c/w Triq P. Anastasju Cuschieri and garage no 4 Triq P. Anastasju Cuschieri Iklin 'To sanction apartment and garage as built from that approved in PA412/10.

46.10.7 Applikazzjoni PA 02205/22 – Triq tal-Balal Iklin 'Alterations and additions to an existing farmhouse, including demolition of a highly dilapidated room, construction of habitable room at ground floor and one bedroom at first floor and sanctioning of roof over agricultural store.

46.10.8 Applikazzjoni PA 02209/22 – Street off Triq ir-Razzett l-Aħmar, area known as Tat-Tabib, Iklin 'Re-construction of collapsed rubble walls, replacement of metal gate, excavation of water reservoir, construction of pump room above and sanctioning of agricultural store.

46.10.9 Applikazzjoni PA 01838/22 – Casa Zammit, Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Iklin 'To sanction variations from PB913/81 which include the construction of a domestic store at second floor level, correction of site configuration, changes to the façade and minor internal alterations.

46.10.10 Applikazzjoni PA 2905/22 – Dar il-Lewża Triq Giovanni Curmi c/w Triq Lewis F. Mizzi 'Construction of basement garage, ground floor showroom, first floor offices, (7) apartments on second, third and fourth floor and two common areas with lifts. This with a different layout from that approved in permission PA 7094/16 and changes to uses above first floor from Class 4A offices to Class 1 dwellings.

## 46.11 PROPOSTA DWAR FTEHIM TA' KOLLABORAZZJONI MA' LIONS CLUB ST. PAUL'S BAY.

46.11.1 Inizjattiva oħra ferm interessanti bit-tema 'Caring for the Community' ġiet diskussa bejn is-Sindku Dott. Sciberras u l-President ta' Lions Club is-Sur Ronnie Cauchi dwar l-ideja li terġa tiġi riattivata l-inizjattiva 'Message in a Bottle', ideja li twieldet minn Lions Club li prattikament tikkonsisti f'distribuzzjoni ta' bott għall-anzjani u persuni li jgħixu waħedhom li tista ssalva l-ħajjiet tan-nies. Il-messaġġ tal-bott hu proġett biex jinkoraġġixxi persuni anzjani jew li jgħixu waħdehom iżommu dettalji mediċi personali f'post komuni fejn jistgħu jinstabu malajr f'każ ta' emerġenza.

Kull informazzjoni medika tinżamm fil-bott li jiġi pprovdut b'xejn. Il-bott jinżamm fil-fridge jew f'każ ta' vettura, fil-kompartament ta' ħdejn is-sewwieq biex f'każ ta' emerġenza jinstab malajr. Il-persuni tal-emerġenza jfittxu dan is-sinjal b'salib aħdar viċin il-bieb ta' barra tad-dar jew fil-vettura.

Waħda mit-tabelli li jingħataw titwaħħal fejn tidher ħdejn il-bieb ta' barra u l-oħra fuq il-bieba tal-friġġ. L-informazzjoni hi bażika, tista jekk trid ikollok għajnuna tal-qraba, ġirien, *carer* jew tabib tal-familja biex timla d-dettalji.

Is-Sindku żied jgħid li jixtieq jintroduċi din l-ideja mall-komunità tal-Iklin u eventwalment tinfirex fuq livell reġjonali. Sintendi din l-inizjattiva tkun qed issir bil-kollaborazzjoni ma' Lions Club – St. Paul's Bay li se jkunu qed joffru *stock for free* lill-Kunsill Lokali L-Iklin. Sintendi 'l quddiem, il-Kunsill permezz tal-kuntatt li għandha Lions Club inkunu nistgħu nawtorizzaw ix-xiri ta' dan il-materjal skont il-proċeduri finanzjarji.

Is-Sindku ikkonkluda li l-Kunsill ser ikun qed jitkellem mal-Awtoritajiet tas-Saħħa qabel ma nvaraw din l-inizjattiva mall-komunità tal-Iklin. Fid-dawl tal-proġett li l-Kunsill ħadem mal-Università ta' Malta, ikun tajjeb li l-Kunsill jibda jimplimenta dak li ħareġ minn dan l-istudju xjentifiku u jkun attwat fil-prattika mall-komunità tal-Iklin l-aktar dawk li jeħtieġu xi forma ta' għajnuna soċjali. *Nem con*.

46.11.2 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill imexxi 'l quddiem din l-inizjattiva mall-komunità tal-Iklin bil-ħsieb li jkun hawn għarfien dwar kif nistgħu nsalvaw aktar ħajjiet.

**46.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

45.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2022 fil-5.30 p.m.

45.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Ġunju 2022 fil-5.30 pm.

45.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.47 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv